MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1014/2000/1

**Connie Costanzo**

**vs**

**Giuseppe *sive* Pippo Costanzo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Mejju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenut zewgha rrenda ruhu hati versu l-istanti ta’ eccessi, sevizzi, swat u mohqrija tant li l-hajja konjugali ta’ bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli u dan *oltre* l-fatt li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment;

Illi b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-27 t'April 2000 l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni biex tagixxi fil-konfront tal-konvenut ghall-firda personali;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut tawtorizza lill-istanti tghix separata minn zewgha;

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Alessia ta' hdax-il sena (11) lill-attrici salv id-dritt ta' l-access lill-konvenut;

3. Tiffissa ghall-attrici u ghall-bint minuri r-retta alimentarja f'dak l-ammont u b'dik il-modalita' li joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop;

4. Tapplika nterament jew *in parte* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet mahsuba fil-**Kodici Civili** dwar il-firda personali;

5. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju lilu fffissat jivvaka mid-dar matrimonjali "Alessia", Triq il-Musbieh, Naxxar, u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar ad eskluzjoni tal-konvenut;

6. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess skond kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, tenut rigward tas-sanzjonijiet surreferiti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili degretati fis-27 t'April 2000 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-14 ta’ Novembru 2000 a fol. 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta, izda dan b’tortijiet imputabbli lill-istess attrici, *stante* illi mhuwiex minnu illi s-separazzjoni grat b’xi tortijiet imputabbli lill-istess konvenut.

2. Illi t-tieni talba attrici ma hijiex opposta *purche’* jkun hemm access adegwat favur il-konvenut ghal bintu minuri.

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda *stante* illi fir-rigward ta’ l-attrici, din hija kapaci tahdem u ghalhekk legalment ma hijiex intitolata tircievi l-ebda forma ta’ manteniment minghand zewgha, u fir-rigward tat-tifla minuri, il-konvenut ma jahdimx u ghalhekk ma ghandu l-ebda forma ta’ ntrojtu.

4. Illi r-raba’ talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

5. Illi l-hames talba wkoll ghandha tigi michuda *stante* illi d-dar matrimonjali nxtrat minn flus parafernali ghall-konvenut u ghalhekk certament jezisti kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta’ *oltre* Lm32,000.

6. Illi s-sitt talba mhijiex opposta pero’ b’tortijiet imputabbli lill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta’ Frar 2001 quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi fil-kawza; tat-3 ta’ Lulju 2001; tat-30 t’Ottubru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002 fejn il-

kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta;

Rat il-verbali ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta datati 14 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata u l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata tiffissa zewg ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut; tas-26 ta' Novembru 2002 fejn Dr. Edwina Grima ghall-konvenut ipprezentat affidavit tal-konvenut; tat-18 ta' Frar 2003; tal-20 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li z-zewg partijiet ma jahdmux u ghaldaqstant m'hemmx problemi ta' manteniment, u lanqas dwar kura u kustodja. Gie dikjarat li d-dar inxtrat fiz-zwieg fejn il-konvenut hareg tletin elf lira (Lm30,000) mill-flus parafernali ghax-xiri ta' l-istess. Id-difensuri qablu li l-istess konvenut dahhal is-somma ta' ghaxart elef (Lm10,000) minn bejgh ta' negozju fl-Italja, liema flus intlaghbu fil-Casino. Gie suggerit li ghandu jitqabbad perit biex jaghmel stima tal-fond; tal-21 ta' Mejju 2003; tas-17 ta' Gunju 2003; tal-15 t'Ottubru 2003; tal-25 ta' Novembru 2003; tad-19 ta' Frar 2004; u tal-11 ta' Mejju 2004 fejn il-perit Valerio Schembri kkonferma bil-gurament l-istima li gie mqabbad jaghmel mill-partijiet. Il-partijiet iddikjaraw li jaqblu ma' tali stima u kkonfermaw li l-unika kontestazzjoni li baqa' hija dwar id-dar matrimonjali u li baqa' kreditu favur il-konvenut ta' cirka tletin elf lira (Lm30,000). In vista ta' dan il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2005.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, inkluzi dawk ta' l-4 ta' Mejju 2001, 14 ta' Gunju 2001, 8 ta' Ottubru 2002, 3 ta' Dicembru 2001, 11 ta' Frar 2002, 22 ta' Mejju 2002, 19 ta' Settembru 2002, 23 ta' Settembru 2002, 24 ta' Ottubru 2002, 27 ta' Novembru 2002 fejn ma sar xejn; tas-26 ta' Lulju 2001, 25 ta' Frar 2002 fejn xehdet l-attrici, tal-4 ta' Frar 2003 fejn sar kontro-ezami ta' l-attrici; u tat-13 ta' Marzu 2003 fejn sar il-kontro-ezami tal-konvenut. Ma hemm l-ebda dubju li kulma nstema' f'din il-kawza kienu biss ix-xhieda ta' l-attrici u l-konvenut. Pero' jigi rilevat li l-partijiet damu mat-tliet snin sabiex jikkonkludu l-istess provi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-partjiet izzewgu fid-19 ta' Settembru 1988 u mill-provi prodotti jirrizulta li l-problema principali li tat lok ghas-separazzjoni u firda bejn il-partijiet kien proprju l-agir tal-konvenut, li kellu l-vizzju tal-loghob. Fil-fatt huwa nefaq hafna mill-introjtu tieghu, u wkoll ir-rikavat mill-bejgh ta' assi proprju sabiex jalimenta dan il-vizzju tieghu. Mhux hekk biss izda jidher li minhabba s-sitwazzjoni li sab ruhu fiha huwa naqas li jmantni lil martu u lil bintu. Fil-fatt tul il-mori ta' din il-kawza huwa ddikjara li huwa dizokkupat u ma ghamel l-ebda tentattiv minimu sabiex imantni lanqas lil bintu. Minhabba f'hekk l-attrici llum tghix bir-*relief* u tmantni wkoll lil bintha.

Illi problema ohra li wasslet ghall-firda ta' din il-koppja hija li fil-fatt l-istess konvenut dejjem insista li jaghmel perjodi twal fi Sqallija u dan ghaliex hemmhekk kellu *restaurant*. Dam sejjer hekk xi erba' snin sakemm wellih u r-rikavat ta' l-istess hlieh fuq loghob ta' azzard. Kemm dam Malta qatt ma hadem, sakemm rega' mar lura Sqallija, tiela' u niezel lejn Malta. Pero' xorta baqa' konstanti bil-vizzju tal-loghob.

Illi minbarra dan l-istess konvenut huwa hati wkoll *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi u mohqrija, kemm ghaliex mhux l-ewwel darba li refa' jdejh fuqha jew heddidha, u kif ukoll ghaliex bil-hajja li ghex dejjem haseb biss ghall-interessi tieghu, u halla fil-bzonn lill-attrici u lil bintha. Ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar il-kura u kustodja ta' l-istess minuri Alessia, il-Qorti tinnota li l-istess minuri hija fil-fatt illum tfajla u ghandha mal-hmistax-il sena. Ghalhekk legalment qed

tafda l-kura u l-kustodja ta’ l-istess ma’ ommha, b’dan li l-istess konvenut ikollu access ghall-minuri kif attwalment qed jigi prattikat liberalment illum, u dan bi qbil ma’ l-istess minuri, li hija fil-liberta’ kollha kif tezercita l-istess access, b’mod li l-istess access ikun ghall-gid taghha u konvenjenti ghaliha.

Illi dwar komunjoni ta’ l-akkwisti jirrizulta li l-fond “Alessia”, Triq il-Musbieh, Naxxar huwa proprjeta’ tal-komunjoni u huwa stmat li jiswa hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000) skond perizja teknika u valutazzjoni maghmula mill-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri. Dan apparti l-ghamara kollha ta’ go fih.

Illi skond il-verbali li hemm fl-istess seduta l-partijiet jaqblu li fuq l-istess dar hemm kreditu parafernali favur il-konvenut ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) li ovvjament ghandhom jithallsu lill-konvenut.

Illi fil-kuntest tal-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut uza l-introjtu min-negozju tieghu u l-bejgh ta’ l-assi tieghu u tal-komunjoni, inkluz ghamara tad-dar sabiex jalimenta l-vizzju tal-loghob, b’mod li mhux biss sparpalja l-flus fl-istess loghob, u b’hekk naqqas il-valur tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, izda wkoll naqas li jmantni lil martu u lil bintu ghal zmien twil, inkluz fil-mori tal-kawza. Ghaldaqstant f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ladarba l-istess konvenut ma huwiex u mhux ser ikun fil-pozizzjoni li jmantni la lil bintu u lanqas lil martu, minkejja l-obbligu li jaghmel dan, l-ghamara kollha u sehmu mill-fond immobbli fuq imsemmi, formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandhom jigu assenjat lill-attrici u dan b’applikazzjoni kontra l-konvenut ta’ l-**artikolu 54 u 48 tal-Kap 16,** u dan anke *per saldo* wkoll ghal kull dritt ta’ manteniment dovut lill-attrici u lil bintha. B’dan il-mod tali dritt ta’ manteniment qed jigi permezz ta’ din is-sentenza saldat.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-istess immobbli tibqa’ proprjeta’ esklussiva ta’ l-attrici, b’dan pero’ li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut l-ammont ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30, 000) bhala kreditu parafernali tieghu, liema

ammont ghandu jithallas mill-attrici fi zmien tliet snin mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** billi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi, swat u mohqrija prattikati mill-konvenut fuq l-attrici, kawza ta' liema l-istess zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, u ghaldaqstant u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. Tilqa' din it-talba u taffida l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Alessia lill-attrici salv id-dritt ta' access lill-konvenut kif attwalment qed jigi prattikat, b'dan ukoll li dan l-access tkun taqbel dwaru l-istess minuri, li qed tithalla fil-liberta' kollha kif dan ghandu jigi ezercitat, b'mod li jkun konvenjenti ghaliha u ovvjament ghall-gid taghha.

3. Tiddikjara li kemm l-attrici u kemm il-minuri ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-konvenut u dwar l-istess din il-Qorti qed tiehu l-provvedimenti opportuni minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz a bazi anke ta' l-**artikoli 48 u 54 (6) tal-Kap 16** konsegwenti ghas-sitt talba tac-citazzjoni attrici, li hawn qed tigi kkonfermata.

4. Tilqa' din it-talba u tapplika nterament fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet mahsuba fil-**Kodici Civili** dwar il-firda personali a bazi anke ta' **l-artikolu 48 tal-Kap 16.**

5. Tilqa' din it-talba u tordna lill-konvenut sabiex jekk ghadu ma ghamilx dan fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata jivvaka mid-dar matrimonjali "Alessia", Triq il-Musbieh, Naxxar, u tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;

6. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mis-27 ta' April 2000, u tillikwida u tassenja l-istess kif fuq indikat b'dan li l-fond "Alessia", Triq il-Musbieh, Naxxar, jigi assenjat bl-ghamara kollha ta' go fih lill-attrici, b'dan ghalhekk li sehem il-konvenut mill-istess ghamara u mill-fond immobbli fuq imsemmi, formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti qed jigi assenjat lill-attrici u dan anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 54 u 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenut u *per saldo* wkoll ghal kull dritt ta' manteniment dovut lill-attrici u lil bintha mill-konvenut. B'dan il-mod tali dritt ta' manteniment qed jigi permezz ta' din is-sentenza saldat.

Illi b'konsegwenza ta' l-istess din il-Qorti qed tordna li l-immobbli tibqa' proprjeta' esklussiva ta' l-attrici, b'dan pero' li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut l-ammont ta' tletin elf lira Maltin (Lm30, 000) bhala kreditu parafernali tieghu, liema ammont ghandu jithallas mill-attrici fi zmien tliet snin mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------